MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 254/2014

**ABC**

**-vs-**

**DE et**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet :

**Dikjarazzjoni**

1. Illi r-rikorrenti u DE, kienu zzewgu, fit-28 ta’ Gunju 2007 gewwa Jamaica certifikat hawn anness bhala DOK A;
2. Illi waqt is-separazzjoni bejn il-partijiet l-attrici kellha relazzjoni ma` FG u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri Ieisha ME certifikat hawn anness bhala Dok. B;
3. Illi l –attrici ABC u l-konvenut DE Inguanez iz-zwieg taghhom gie annullat permezz tas-sentenza datata 29 ta’ Marzu 2012 hawn anness bhala Dokument C;
4. Illi l-missier bijologiku tal-minuri ME huwa l-intimat FG;
5. Illi ghalkemm l-intimat FG huwa l-missier bijologiku tal-minuri ME, l-imsemmija minuri giet registrata fic-certifikat tat-twelid (Dok. A) bhala “Borg Inguanez”;
6. Illi l-esponenti giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajuna legali (Dok. D).

**Raguni tat-Talba**

L-attrici tiddikjara illi s-segwenti huma l-fatti li taf hija personalment:

1. Illi r-rikorrenti u DE, kienu zzewgu, fit-28 ta’ Gunju 2007 gewwa Jamaica certifikat hawn anness bhala DOK A;
2. Illi waqt is-separazzjoni bejn il-partijiet l-attrici kellha relazzjoni ma FG u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri Ieisha ME certifikat hawn anness bhala Dok. B;
3. Illi l –attrici ABC u l-konvenut DE iz-zwieg taghhom gie annullat permezz tas-sentenza datata 29 ta’ Marzu 2012 hawn anness bhala Dokument C;
4. Illi l-missier bijologiku tal-minuri Ieisha ME huwa l-intimat FG;
5. Illi ghalkemm l-intimat FG huwa l-missier bijologiku tal-minuri ME, l-imsemmija minuri giet registrata fic-certifikat tat-twelid (Dok. A) bhala “E”;
6. Illi l-esponenti giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajuna legali (Dok. D).

**Talbiet**

Talbet li il-konvenuti jghidu ghaliex din l Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara illi l-minuri ME Inguanez hija bint FG.

1. Tordna illi c-certifikati tat-twelid tal-imsemmija minuri jigu ammendati, fis-sens illi jigu mnehhi l-kunjom E mic-certifikati tat-twelid tal-minuri u minflok jitnizzel isem l-intimat FG bhala l-missier tal-minuri, u kif ukoll, jigi mizjud, kull fejn jehtieg, referenza ghall-intimat, senjatament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-intimat u jekk l-istess missier tal-intimat huwiex haj jew mejjet, l-eta` tal-intimat, u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-intimat u li jidhru mal-atti tat-twelid citati.
2. Tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawk il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet kollha relattivi u necessarji sabiex l-isem u l-kunjom tal-imsemmi minuri jigi jaqra MG.

U dana taht kull provediment li din l-qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut direttur tar**-Reġistru Pubbliku li in forza taghha huwa eccepixxa :**

1. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri ME, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll

għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi jigi sottomess illi jekk fil-punt tat-twelid tat-tarbija, omm it-tarbija, kienet ghadha legalment mizzewga lil DE, u ma gabitx prova kuntrarja, kien ghalhekk li huwa gie indikat bhala l-missier fuq l-att tat-twelid tal-minuri in kwistjoni, u kien ghalhekk ukoll li kunjom it-tarbija gie imnizzel bhala E.

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrent trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri ME, ir-rikorrenti ABC kienet wettqet adulterju mal-konvenut FG u barra minn hekk jippruvaw xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-FG u/jew jeskludu lir-raġel tar-rikorrenti (1) DE bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri ME, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77A u 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti jridu fl-istess waqt jegħlbu l-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juru li l-pussess ta' stat tal-minuri ME ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

5. Ila bla ħsara ghas-suespost f'każ li tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponent jistieden lill-intimat FG sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) id-dokument tal-Identita' tieghu, (2) l-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri ME, (3) il-post fejn twieled, (4) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (5) isem u kunjom ta' missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla ME. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita ME bin-numru ta' reġistrazzjoni progressiv 13 tas-sena 2011;

6. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem DE, senjatament taħt il-

kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 13 tas-sena 2011;

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenut DE tal-25 ta' Frar 2015 li permezz taghha ammetta it-talbiet kif dedotti madankollu ma ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha talba quddiemha relatata mal-paternita tal-minuri ME, stante illi l-attrici tikkontendi illi minkejja li l-minuri li twieldet fit-28 ta' Novembru 2011, twieldet fiz-zwieg bejn l-istess attrici u l-intimat DE, stante illi z-zwieg taghhom gie annullat permezz ta' sentenza datata 29 ta' Marzu 2012, mhijiex il-wild naturali ta' DE, izda ta' FG.

Illi minhabba il-pretenzjonijiet legali naxxenti mill-Ligi, l-istess minuri giet imnizzla bhala l-wild naturali ta' l-intimat DE, izda l-istess minuri mhijiex bintu naturali, izda il-wild naturali ta' l-intimat FG. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-intimat FE mhuwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru il-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati tal-intimat l-iehor FG.

**<u>Il-Verzjoni tar-Rikorrenti</u>**

Illi permezz tal-affidavit taghha, ir-rikorrenti tghid illi kmieni fis-sena 2009 hija isseparat de facto minn mal-intimat DE u marret tghix ma kugin taghha in-Naxxar. Hija iltaqghet mal-intimat FG f'Dicembru tas-sena 2009 u f'Marzu tas-sena 2011 applikat ghal kawza ta' annullament. Illi waqt il-kawza tal-annullament harget tqila mill-partner taghha l-intimat FG u twieldet it-tifla Ieisha ME fit-28 ta' Novembru tas-sena 2011, izda peress li kienet ghadha legalment mizzewga lill-intimat DE, bintha giet registrata taht kunjom l-intimat DE. L-attrici xehdet illi l-annullament taghha gie finalizzat permezz ta' sentenza datata 29 ta' Marzu 2012 u hija izzewwget lil missier naturali ta' bintha FG fit-28 ta' Frar 2015.

**<u>Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe' fejn il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku talab lill-Qorti biex tistieden lill-partijiet kollha involuti jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici, il-Qorti rat illi minkejja li dawn it-testijiet ma sarux, il-konvenut DE xehed bil-gurament tieghu fis-sens illi ammetta it-talbiet kollha attrici.

Illi xehed bil-gurament tieghu ukoll FG fejn ikkonferma illi huwa jigi il-missier naturali tal-minuri u li huwa cert mija fil-mija minn dan.

Illi l-Qorti rat ukoll illi dwar il-hames eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, l-intimat FG ta id-dettalji kollha tieghu kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tat-18 ta' Marzu 2015.

Illi l-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi illi l-minuri mhijiex il-wild naturali tal-intimat DE, izda hija l-wild naturali tal-intimat l-iehor FG u il-Qorti rat illi mix-xiehda li tressqet permezz ta' gurament kemm tal-attrici, kif ukoll taz-zewg intimati imsemmija, irrizulta li effettivment l-intimat FG huwa il-missier naturali tal-minuri u ghalhekk ir-rikorrenti irnexxielha tissorpassa u telgheb il-presunzjonijiet kollha relatati ma dan il-mertu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri Ieisha ME hija bint FG, tilqa t-tieni talba u tordna illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri jigi emendat, fis-sens illi jitnehha il-kunjom E mic-certifikati tat-twelid tal-minuri u minflok jitnizzel il-kunjom G li ghandu il-karta tal-identita Maltija numru 0579112 L li huwa imwieled fis-17 ta' Frar 1975 fi Sierra Leone u li meta twieled il-minuri kien jirrisjedi San Gwann, missieru jismu Alpha Bah u kien mejjet meta twieldet il-minuri. Il-Qorti tilqa wkoll it-tielet talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet kollha relattivi u necessarji sabiex l-isem u l-kunjom tal-imsemmija minuri jigi jaqra ME. Il-Qorti tordna ukoll illi l-kliem '*the said*', li jinsabu

qabel isem Anthony Borg Inguanez, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom ukoll jigu ukoll ikkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 13 tas-sena 2011; Bl-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti u mill-intimat FG fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------